# X'KITBU FUQNA 40 SENA ILU!

Din t'hawn taħt hija kitba li dehret f'LEĦEN IS-SEWWA tal-1 ta' Lulju 1950, meta żżanżnu l-kuruni ġodda tal-Madonna u l-Bambin li nsterqu sena qabel!

# WARA S-SERQA ... T-TPATTIJA

Wara s-serqa li ftit aktar minn sena ilu saret f'Tas-Sliema, fil-Knisja ta' Sidtna Marija tal-Qalb ta' Ġesù, il-parruċċani ma felhux jaraw iżjed ix-xbieha ta' Ommna tas-Sema f'dak l-istat li jbikki mingħajr ma jpattu huma nfushom u juru lill-Madonna l-imħabba tagħhom Lejha, kif ukoll is-sogħba ta' kull ma kien ġara. F'radda ta' salib min seta' neħħa minn subgħajh iċ-ċrieket u tahomlha, oħrajn iċċaħħdu mid-deheb kollu li setgħu jgħaddu mingħajru, fil-waqt li benefatturi li Alla pprovdielhom aktar minn ħaddieħor daħlu għall-ispejjeż biex il-kuruni ta' ras il-Madonna u ta' ras il-Bambin jerġgħu jsiru ġodda u isbaħ u ogħna milli kienu qabel: benefattriċi li isimha ma tridx li jkun magħruf kif lanqas iridu jissemmew il-benefatturi l-oħra, ħallset biex il-qalb il-misruqa u li l-qorti kienet raddet lura lill-Patrijiet Franġiskani mgħaffġa u bla sura, terġa' ssir mill-ġdid.



Iż-żewġ kuruni tal-Madonna u tal-Bambin, flimkien ma' oġġetti oħra li bihom tiżżejjen il-vara.

U l-opri l-ġodda reġgħu saru u l-lum qed iżejnu l-istatwa artistika tal-parroċċa tas-Sacro Cuor. L-ewwel ma saret kienet il-kuruna tal-Bambin u s-sena l-oħra, ġimgħa qabel il-festa titulari, ġiet imqiegħda fuq ir-ras divina tiegħu. Dak in-nhar ġiet imqiegħda wkoll il-qalb il-ġdida f'id il-Madonna. Din is-sena, meta nhar il-Ħadd, 18 ta' Ġunju, il-vara maħruġa min-niċċa tagħha bi tħejjija għall-festa tagħha li saret nhar il-Ħadd li għadda, il-kuruna tal-Madonna ġiet imbierka u mqiegħda fuq rasha fost il-ferħ u l-ħeġġa tagħna s-Sliemiżi tal-Parroċċa ta' Sidtna Marija tal-Qalb ta' Ġesù.

Meta l-Madonna kienet ġiet misruqa il-kuruna tar-ras tagħha ma kienetx ġiet minsusa, għar-raġuni li hi kienet invitata ma' rasha, filwaqt li dik tal-Bambin ma kienetx u għalhekk setgħet tkun meħuda b'aktar ħeffa. Wara li l-kuruna tal-Bambin reġgħet saret ġdida u tqiegħdet fuq rasu dehret il-ħtieġa li l-kuruna tal-Madonna tinbidel ukoll. U dan għal żewġ raġunijiet: l-ewwelnett għax id-deheb li nġabar u l-ħaġar prezzjuż u ċ-ċrieket tad-deheb u r-rużetti bid-djamanti, mhux biss swew biex issir il-kuruna ż-żgħira tal-Bambin, iżda kien fadal biżżejjed biex tkun tista' ssir ukoll kuruna xierqa lill-Madonna.

It-tieni raġuni kienet raġuni ta' estetika. Qabel, iż-żewġ kuruni ma kienux ta' l-istess xeħta u għalhekk kienu kontra kull gost u arti. Filwaqt li tal-Bambin kienet kuruna ta' sultan kif tabilħaqq kienet tixraqlu, filwaqt li dik tal-Madonna ma kienetx kuruna ta' sultana, għad li t-titular hu dak ta' "Sultana tal-Qalb ta' Ġesù". Kien jeħtieġ, immela, li dan jissewwa u għalhekk lill-Madonna wkoll saritilha kuruna oħra li taqbel f'kollox, għad li hi ogħna minn dik tal-Bambin.

Kelma issa fuq il-kuruni nnifishom u fuq min għamilhom. Il-kuruna tal-Bambin hi wiesa 5 pulzieri u għolja 9 pulzieri; dik tal-Madonna wiesa 7 pulzieri u nofs u għolja 12-il pulzier. It-tnejn huma mrikkba minn boċċa b'salib fuq kull waħda, iżda s-salib ta' fuq il-kuruna tal-Madonna huwa bil-wisq ogħna minn dak tal-Bambin. Hu kollu tad-deheb b'ħames ħaġriet tat-topazz imqegħdin fih. Dan is-salib prezzjus tah kif inhu benefattur kbir tal-knisja. Il-materjal taż-żewġ kuruni hu kollu fidda, imma maħsul bid-deheb li l-fidili taw lill-Kappillan wara s-serqa faħxija li kienet saret. Ir-rużetti mogħtija mill-benefatturi ġew imqiegħda mad-dawra tal-kuruna l-kbira u xi wħud oħra ma' dik tal-Bambin.

Dan ix-xogħol ta' siwi u ta' arti ġie esegwit mid-Ditta Joseph Madiona ta' Prince of Wales Road, tas-Sliema. L-artist li daħal għal din il-biċċa xogħol hu ż-żagħżugħ Edward Madiona ta' 22 sena, li waħdu u bla għajnuna ta' ħadd ried jaħdem b'qalbu aktar milli b'idejh il-kuruni tal-vara tal-Madonna, mhux biss b'sinjal ta' mħabba u ta' tpattija, iżda wkoll b'tifkira tal-mejjet papà tiegħu, is-sur Joseph Madiona, li fl-1923 kien għamel ir-raġġiera tal-fidda li qed iżżejjen l-istess statwa għażiża u tagħtiha xeħta kollha kemm hija tas-sema.

Ta' min ifaħħar hawn dawk kollha li b'xi mod jew ieħor għenu biex issir din it-tpattija nobbli 'l Ommna Marija iżda l-aktar lill-Patrijiet Franġiskani ta' Tas-Sliema għat-tħabrik tagħhom biex jirnexxu dawn l-opri sbieħ u lill-artist żagħżugħ li ħaqqu tassew prosit kbir għall-biċċa xogħol ta' sengħa li tana.


**SIMLER'S**

Confectionery

The House for Ravioli and all sorts of pasta

Caterers for:

WEDDINGS, ENGAGEMENTS AND ALL OTHER OCCASIONS

**64, St. John The Baptist Street, Sliema.**

TEL: 332710

M.A.J. MORRIS STATIONERY LTD.

119, MANWEL DIMECH STREET, SLIEMA.

TEL: 330383

The shop with a wide selection of:

Toys - Cards for all occassions - Calculators - Attache Cases - Schoolbags - Hardbacks - Paperbacks - Gift Books - Magazines

M.A.J. MORRIS STATIONERY LTD.